MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 111/2013

Appell Numru: 111/2013 MM

Il-Pulizija
Supretendent Nicholas Ciappara
Vs
Lyton Debattista
*Omissis*
*Omissis*

Illum, 14 ta’ Novembru, 2013
Il-Qorti,
Rat l-akkuzi kontra l-appellanti **Lyton Debattista detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru: 37088M**, ***omissis***, u ***omissis*** li gew akkuzati talli:

1. F’Tas-Sliema, nhar is-26 ta’ Ottubru, 2007, ghall-habta tal-11pm, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunaw griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Stephen Galea, minn Tas-Sliema, liema offizi jistghu jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta’ xi parti tal-ghamla

tal-gisem, jew marda permanenti tal-mohh, kif ukoll jekk iggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' Stephen Galea, Jamma Smaini Galea minn Tas-Sliema, u lil Peter George Borg minn Hal-Luqa;

3. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fil-hanut Stepdown Bar, liema hsara tammonta ghal anqas minn mitt lira, izda aktar minn hamsin lira ghad-detriment ta' Isabelle Holden mis-Swieqi u Michael Beintner minn San Giljan;

4. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, bil-lejl kisru l-mistrieh u l-paci pubblika b'ghajjat u bil-glied;

5. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi, qalu kliem fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti sabet htija fil-konfront tal-akkuzati kollha fil-konfront tal-Artikoli 214, 221, 325, u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Fil-konfront ta' Lyton Debattista ssib ukoll htija ai termini tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikoli 17, 23 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; rat ukoll il-fedina penali tal-imputati, u qieghda tikkundanna lil *omissis* u *omissis* ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Hija l-fehma ta' din il-Qorti li Lyton Debattista pero, minhabba l-aggressjoni li wera lejn Stephen Galea u martu tqila Gemma Galea, (jghid hu stess illi kien jaf li kienet tqila), illi ghandu jsofri piena karcerarja effettiva ghal perjodu ta' sena u nofs.

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputati ihallsu l-ispejjez peritali bejniethom ghas-somma ta' €24.
Torbothom ukoll, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, illi ghal zmien sena (1) mill-lum, bla ebda mod ma jdejqu jew jivvessaw lil Stephen u Gemma Galea, u dan taht obbligazzjoni kull wiehed ta' €2,330.
Rat ir-rikors tal-appellant Lyton Debattista, pprezentat fl-4 ta' Marzu, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellate billi thassarha u tirrevokha u tilliebera lill-appellanti minn l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas li tvarja billi tapplika piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Lyton Debattista w cioe':-

1) Illi l-ewwel Qorti bid-dovut rispett ma' kienitx korretta fl-analizi li ghamlet u dana peress li d-difiza dejjem sahqet mill-bidu, li l-appellanti ma setghetax jigi lliberat minn l-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu peress li huwa stqarr dejjem li kien involut fil-glieda, izda hawn kien kaz klassiku li l-htija tigi kwalifikata fis-sens li huwa kellu in kwantu ghal l-ewwel akkuza jigi misjub hati li ghamel dak li ghamel waqt li kien that it-trasport ta' passjoni stantanja u dana anke minhabba provokazzjoni immedjata ta' Stephen Galea. Illi huwa ovvju li meta wiehed jara l-provi ser jasal ghal dina l-konkluzjoni, konkluzjoni li per konsegwenza imbghad iggib maghha riduzzjoni fil-piena stante li mhux difiza izda attenwanti. Illi wiehed irid igib lilu nnifsu fiz-zarbuna tal-appellanti li dak il-hin huwa hareg biex jiddefendi lil huh u f'daqqa wahda spicca hu stess il-vittma ta' attack feroci da parti ta' Stephen Galea li kien ikkaguna feriti ta' natura gravi sahansitra fuq l-esponenti. Illi d-daqqiet l-ewwel qalahom l-esponenti bis-serratizz u kien fl-iStep Down Bar li Galea sofra xi feriti bil-banketta. Illi ghalhekk huwa bid-dovut rispett ovvju lid an il-kaz skatta f'sekondi u nqala dak li nqala ghaliex Galea hareg armat f'sitwazzjoni li gia kienet mimlija tensjoni u imbghad sehh

dak li sehh. Illi l-esponenti ghalhekk jikkontendi li dak il-hin ghamel dak li ghamel ghaliex kien serjament provokat minn l-agressur Galea u anke ghaliex ma’ setghax jikkontrolla l-eghmil tieghu kif zviluppaw l-avvenimenti f’dak il-lejl;

2) Illi dwar il-kumpament tal-akkuzi bid-dovut rispett ma’ hemm ebda provi li jwasslu sabiex minn fost il-persuni kollha involuti, kien l-esponenti li kkaguna feriti hfief lil Jamma Galea jew lil Peter Gorg Borg. Anqas ma jirrizulta li l-esponent ghamel xi hsara jew kiser il-mistrieh u paci pubbliku mal-lejl. Illi certament li dak il-hin inqalat glieda pjuttost ferventi pero bid-dovut rispett fil-kamp penali ma’ jistax wiehed isib htija kollettiva, u l-Qorti kellha tara individwalment min ghamel xiex minflok ma qabdet waslet ghal deduzzjoni u tefghet lill-kulhadd f’keffa wahda.

3) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u f’kaz li f’pessima ipotesi l-ewwel zewg aggravji jigu michuda, l-piena fil-konfront tal-esponenti kienet harxa zzejjed ghal bosta ragunijiet. Fl-ewwel lok ebda wiehe mill-persuni li ppartecipa fil-glieda ma’ gie kkundannat habs effettiv. Anqas Galea stess li kellu procedure kontra tieghu minhabba l-feriti gravi li wettaq bis-seratizz fuq l-appellanti ma’ gie kkundannat peina karcerarja. Inoltre tajjeb jinghad li ma kienx se mai l-esponent li qala l-inkwiet izda huwa sab ruhu traxxinat f’dan l-argument minhabba f’wiehed mill-ahwa tieghu. Illi l-esponenti ma ghandux xi passat reituz, jahdem u huwa kap ta’ familja bhala missier b’zewg ulied minuri li jiddependu minnu. Illi zgur mhux forsi il-piena ta’ habs effettiv ser thalli impatt negattiv ferm u ser tfarrak mhux tirriforma l-appellant. Illi l-pulizija li mexxew il-kaz jistghu anke fil-mori ta’ dan l-appell jikkofermaw lil Qorti li l-appellanti mhux idoneju li jkun ikundannat piena ta’ habs effettiv peress li ironikament mill-persuni kollha involuta f’dina l-glieda huwa l-izjed wiehed responsabbli u stradat. Illi ghalhekk ikun altru milli idoneju li l-piena tigi riformata ghal wahda anqas harxa fic-cirkostanzi.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fis-26 ta' Ottubru, 2007 l-appellant u hutu Matthew u Ryan kienu qeghdin gol-bar Sliema Wonderers Supporters Club, ma genb dan il-bar hemm ir-residenza ta' Stephen Galea u martu Gemma Galea, fil-bar kien hemm ukoll xi tfajliet u wahda minnhom Sahra harget mill-bar sabiex titkellem ma habiba taghha fit-triq. Dak il-hin ghaddiet vettura u ghal xi raguni l-passiggier ta' din il-vettura Peter Borg spicca f'argument ma Sahra, wiehed mill-ahwa Debattista hareg sabiex jara dan l-argument x'kien u hargu l-ahwa kollha sabiex jintervienu. Stephen Galea sema' l-ghajjat u l-glied u hareg mir-residenza tieghu b'seratizz u beda jsawwat lill-ahwa fosthom lill-appellanti u l-glieda spiccat f'hanut tal-faccata bl-isem ta' "Step Down". Fil-glieda nterveniet ukoll mart Stephen, Gemma li dak iz-zmien irrizulta li kienet f'perjodu ta' tqala. L-appellant garrab feriti u anke Galea garrab numru ta' feriti. Il-kaz zpicca f'idejn il-pulizija li resqu l-partijiet il-Qorti biex iwiegbu ghal feriti ta' natura gravi b'kumplikazzjonijiet kontra Stephen Galea. B'Sentenza tat-22 ta' Frar, 2013 (fol 413), il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-ahwa hatja ta' l-akkuzi migjuba kontra taghhom u kkundannat lil Matthew Debattista, Ryan Debattista ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u peress li fil-fehma tal-Qorti l-appellant Lyton Debattista wera agressjoni kontra Stephen Galea u martu tqila Gemma Galea, deherilha illi kellu jsofri piena karcerarja effettiva ghal sena u nofs.

L-appellant hassu aggravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell fejn deherlu illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u kellu jigi liberat kif ukoll li l-piena errogata kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

Permezz ta' verbal tat-23 ta' Mejju, 2013 l-appellant irtira l-ewwel zewg agravji dwar il-meritu u zamm ferm l-agravju dwar il-piena. Dana ghamlu il ghaliex quddiem il-Qorti ta' l-Appell dehret Gemma Galea fejn iddikjerat illi qieghda tahfer lill-appellant b'rispett tat-tfal tieghu illi ma rieditx illi hu jmur il-habs. Gemma Galea qalet lill-Qorti li zewgha kien mar il-habs u taf ulieda minn xiex ghaddew u ma tridx illi ulied l-appellant jghaddu mill-istess. Fi kwalunkwe kaz

minn dakinhar ta’ l-incident qatt ma kien hemm xi incidenti ohra mal-appellant. L-appellant argumenta illi quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx hemm il-mahfra ta’ Gemma Galea u ghalhekk f’dan il-kaz quddiem din il-Qorti hemm lok ghal temperament fil-piena. Hut l-appellant kollha hadu sentenza sospiza, allura ra illi kienet pjutost harxa fil-konfront tieghu illi jinghata piena karcerarja effettiva.

Ikkunsidrat.

Veru illi l-glieda kellha konsegwenzi serji fejn wiehed spicca l-isptar minhabba l-griehi illi garrab u jista jaghti l-kaz illi r-rwol li kellu l-appellant kien iktar determinanti mir-rwol illi kellhom hutu. Pero’ llum ghadda z-zmien u l-Qorti kkunsidrat il-mahfra ta’ Gemma Galea li b’sens ta’ altruwizmu u b’rispett gaht-tfal ta’ l-appellant iddikjerat illi ma xtaqitx illi l-appellant jmur il-habs. Din il-Qorti mhijiex sejra tinjora dan l-appell ghax wara kollox hi kienet l-aktar illi kienet affettwata b’dan l-incident peress illi seta’ kien hemm il-possibilita li titlef il-wild illi kienet qieghda ggorr dakinhar ta’ l-incident, pero’ fortunatament ma gara xejn minn dan u llum jidher illi l-affarijiet ikkalmaw bejn il-partijiet u ma kienx hemm aktar incidenti bejniethom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi ghandha tilqa l-appell ta’ l-appellant ghal dak li jirrigwardja l-piena u forsi jkun hemm temperiment fiha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa in-parti l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fejn sabet il-htija fil-konfront ta’ l-appellant izda tirriformaha ghal dak li jirrigwardja l-piena u flok sena u nofs piena karcerarja effettiva tikkundannah ghall-istess ammont ta’ sena u nofs prigunerija b’dana pero’ illi wara li rat l-Artiklu 28A tal-Kap 9 tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal tlett snin mil-lum, tikonferma l-bqija tas-Sentenza fejn ikkundannat lil imputat jhallsu l-ispejjez peritali bejniethom, kif ukoll illi torbothom ai termini ta’ l-l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghal zmien sena mil-lum li bl-ebda mod ma jdejjqu jew jivvessaw lil Stephen u lil Gemma Galea taht obbligazzjoni ta’ €1,233.00.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------